KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.9.2008
KUMM(2008) 589 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-ewwel rapport finanzjarju dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – sena finanzjarja 2007

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-ewwel rapport finanzjarju dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – sena finanzjarja 2007

1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT

L-abbozz preliminari tal-2007 tal-baġit għall-istess sena ġie adottat mill-Kummissjoni u propost lill-Awtorità tal-Baġit f'April 2006. Ġiet proposta l-allokazzjoni (ammonti f'euro) tal-FAEŻR li ġejja:

Linja tal-baġit	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' ħlas
05.040501 (Programmi RD)	12 343 028 111	6 182 000 000
05.040502 (Assistenza Teknika)	23 133 604	9 300 000

F'Lulju 2006, il-Kunsill[1] adotta l-abbozz tal-baġit tal-2007 bla tibdil fir-rigward l-allokazzjoni tal-FAEŻR.

Il-Parlament Ewropew adotta l-baġit tal-2007 fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Diċembru 2006. L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas għal-linji tal-baġit tal-FAEŻR, intestatura 2, ammontaw għal EUR 9,897.6 u 4,954.9 miljun rispettivament, li jirrapreżenta tnaqqis ta' EUR 2,468.6 u 1,236.4 miljun meta mqabbla mal-proposta tal-bidu. Dan it-tnaqqis irriżulta minn emenda Parlamentari[2] biex jitpoġġew fir-riżerva 20 % tal-approprjazzjonijiet mitluba għal programmi tal-iżvilupp rurali.

L-awtorità tal-baġit approvat it-trasferiment mir-riżerva għall-partita tal-baġit għall-iżvilupp rurali f'Marzu 2007, ladarba l-Parlament Ewropew qabel mal-proposta reveduta tal-Kummissjoni dwar modulazzjoni volontarja

2. IT-TMEXXIJA TAL-APPROPRJAZZJONIJIET

2.1. Approprjazzjonijiet ta' impenn

2.1.1. Approprjazzjonijiet disponibbli għal programmi tal-iżvilupp rurali

L-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn finalment disponibbli għal finanzjar ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali 2007-2013 kien ta' EUR 12,343,028,110, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/383/KE tal-1 ta' Ġunju 2007, li tistipula t-tqassim annwali għal kull

---

1 L-ewwel qari

2 It-test ta' l-emenda: 20 % ta' dawn l-approprjazzjonijiet ser jitpoġġew fir-riżerva. Il-Kummissjoni se tibgħat lill-Parlament bejn l-ewwel u t-tieni qari kif beħsiebha tieħu ħsieb il-ksur tal-prerogattivi Parlamentari tal-baġit meta jkunu qed jiġu stipulati l-baġits annwali wara l-proposta riċenti tagħhom dwar modulazzjoni volontarja (COM(2006) 241) u jekk din il-proposta attwali dwar modulazzjoni volontarja teffettwax il-limiti miftiehma għall-programmi tal-Iżvilupp Rurali għall-perjodu 2007-2013.

Stat Membru tal-ammont tal-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

L-ammont ta' impenn li fil-fatt sar fl-2007 kien EUR 9,513,362,081, jew 77.1 % tal-ammont disponibbli fil-baġit. Dan l-ammont ippermetta l-impenn tal-allokazzjoni tal-2007 għall-54 programm approvati fl-2007, minn total ta' 94 programm ippreżentati mill-Istati Membri. Id-differenza (EUR 2 829 666 030) ġiet użata kif ġej:

Ammont ta' EUR 1 360 517 165, li jikkorrispondi għal 25 programm li għalihom il-proċedura ta' approvazzjoni kienet kważi lesta fl-aħħar ta' l-2007, ġie mdaħħal fl-eżerċizzju tal-2008 għal impenn qabel il-31 ta' Marzu 2008. Il-programmi kollha konċernati ġew approvati fil-ħin u l-ammont sħiħ ġie impenjat sad-data tal-għeluq stipulata fir-Regolament Finanzjarju.

Ammont ta' EUR 1 469 148 864, li jikkorrispondi għal 15-il programm (12-il programm reġjonali Spanjol, dak nazzjonali tar-Rumanija u n-netwerks rurali għal Spanja u l-Portugall), ġie kkanċellat mill-baġit 2007 għal programmar mill-ġdid matul l-2008 u eżerċizzji sussegwenti skont il-punt 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja.

L-Awtorità tal-Baġit aċċettat il-proposta tal-Kummissjoni għal programmar mill-ġdid ta' dan l-ammont, parzjalment matul il-baġit 2008 (EUR 370 376 764), u li jifdal matul is-snin ta' wara.

2.1.2. Approprjazzjonijiet disponibbli għal assistenza teknika

L-Artikolu 69(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 jipprovdi għal 0.25 % tal-ammont għall-appoġġ tal-iżvilupp rurali Komunitarju kollu li se jintuża għal assistenza teknika mill-Kummissjoni. Fil-baġit 2007 EUR 23 133 604 tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 9 300 000 tal-approprjazzjonijiet ta' ħlas twarrbu għal dan il-għan.

2.2. Approprjazzjonijiet ta' ħlas

2.2.1. Approprjazzjonijiet ta' ħlas għal programmi tal-iżvilupp rurali

Il-baġit 2007 kien jinkludi finalment EUR 6 182 000 000 għal approprjazzjonijiet ta' ħlas. Minn dan l-ammont EUR 101 379 347 ġew trasferiti biex isaħħu l-linja tal-baġit 05.040201 (Objettiv 1 programmi tal-perjodu 2000-2006), u t-EUR 306.46 li jifdal ġew ikkanċellati.

Id-differenza (EUR 6 080 620 346.54) ntużat għal ħlasijiet kif ġej:

Ħlasijiet akkont.	EUR	3 704 899 313.26
Rimborż Ottubru – Diċembru 2006	EUR	264 363 267.94
Rimborż April - Ġunju 2007	EUR	254 511 668.52
Rimborż Lulju - Settembru 2007	EUR	1 856 846 096.82

Ir-rimborżi għal Lulju – Settembru 2007għal xi programmi (elenkati hawn taħt) kienu pendenti, kollha kemm huma jew parti minnhom, fl-aħħar tas-sena minħabba l-fatt li l-impenn għal dawn il-programmi fl-2007 kien diġà użat kollu mill-ħlasijiet akkont u rimborżi ta' qabel.

	CCI	Programm	Bilanċ li jrid jitħallas
DE	2007DE06RPO004	Bayern	8 311 416,80
DE	2007DE06RPO010	Hessen	970 355,90
DE	2007DE06RPO015	Northern Westphalia	5 877 675,72
IE	2007IE06RPO001	Ireland National	32 174 706,48
UK	2007UK06RPO002	Northern Ireland	13 463 173,73
IT	2007IT06RPO012	Umbria	1 846 826,34
UK	2007UK06RPO001	England	53 414 561,27
		Total	116 058 716,24

2.2.2. Approprjazzjoni ta' ħlas għal assistenza teknika

Il-baġit 2007 kien jinkludi mill-bidu EUR 9 300 000 approprjazzjonijiet ta' ħlas għall-assistenza teknika għall-użu mill-Kummissjoni. EUR 1 531 687.47 (16.5% tal-ammont tal-bidu) biss fil-fatt tħallsu fl-2007.

3. EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEŻR

3.1. Ħlasijiet mill-Kummissjoni skont l-Istat Membru u d-dikjarazzjoni ta' kull tliet xhur

It-tabella ta' hawn taħt turi l-ammonti mħallsa fl-2007 rigward ħlasijiet akkont u rimborżi ta' nefqa mġarrba mill-aġenziji tal-ħlas matul il-perjodu mis-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2006 (Q4 2006), mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2007 (Q2 2007), u mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Ottubru 2007 (Q3 2007). Ma sar ebda ħlas matul l-ewwel tliet xhur tal-2007 billi ma kien għadu approvat ebda programm. Ir-rimborż totali kien ta' EUR 2 375.7 miljun.

Ħlasijiet li fil-fatt saru fl-2007 kull Stat Membru (€)

Pajjiż	Q4 2006	Q2 2007	Q3 2007	Ħlasijiet bil-Quddiem	Total Globali
AT			79,486,601.40	273,802,899.44	353,289,500.84
BE			38,646,666.61	16,436,002.28	55,082,668.89
CY				11,376,650.18	11,376,650.18
CZ				197,085,444.78	197,085,444.78
DE	38,300,830.85		337,905,632.12	436,454,678.63	812,661,141.60
EE				25,013,059.92	25,013,059.92
ES			3,903,655.85	3,930,641.26	7,834,297.11
FI	6,801,068.21		209,540,288.60	115,963,854.19	332,305,211.00
FR	645,562.00	218,053,467.09	333,624,213.80	359,606,865.33	911,930,108.22
GR			194,014,806.92	129,755,654.84	323,770,461.76
HU			1,569,249.15	266,409,037.44	267,978,286.59
IE	125,946,859.87		165,839,645.48	81,897,010.65	373,683,516.00
IT			169,986,744.42	275,873,441.60	445,860,186.02
LT				122,035,206.50	122,035,206.50
LU			11,080,836.77	3,341,160.20	14,421,996.97
NL	245,050.00	15,034,562.00	2,953,199.00	34,056,481.68	52,289,292.68
PL				926,102,670.92	926,102,670.92
PT			90,261,356.57	130,988,796.85	221,250,153.42
SE	64,761,508.39	21,423,639.43	93,334,591.26	112,613,963.92	292,133,703.00
SI			30,063,136.39	63,018,671.02	93,081,807.41
SK				68,929,632.73	68,929,632.73
UK	27,662,388.62		94,635,472.48	50,207,488.90	172,505,350.00
Total Globali	**264,363,267.94**	**254,511,668.52**	**1,856,846,096.82**	**3,704,899,313.26**	**6,080,620,346.54**

L-ammonti ta' hawn fuq għal Q4 2006 tħallsu fl-2007 abbażi tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali li jippermettu n-nefqa taħt it-taqsima tal-Garanziji tal-FAEG imġarrba mis-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2006 li ser jgħaddu għall-baġit tal-FAEŻR skont l-Artikolu 39(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005.

3.2. Ammonti mħallsa u ddikjarati mill-aġenziji tal-ħlas skont il-miżura tal-RD u skont l-Assi

It-tabella ta' hawn taħt turi n-nefqa ddikjarata fl-2007 skont l-Istat Membru, maqsuma f'miżuri għall-iżvilupp rurali u f'Assi, għal programmi tal-iżvilupp rurali kollha flimkien. Turi li 15.7 % ta' dawn l-ammonti jikkonċernaw nefqa fuq miżuri taħt l-Assi 1, 81.8 % fuq miżuri taħt l-Assi 2 u 2 % biss għal nefqa fuq miżuri taħt l-Assi 3. Dan il-profil ivarja sew mill-profil medju skont l-Assi tal-programmi tal-iżvilupp rurali kollha flimkien (35.8 % għal Assi 1, 45.1 % għal Assi 2 u 19.1 % għal Assi 3).Din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-fatt li l-għajnuniet mogħtija taħt l-Assi 2, ta' sikwit spiss jirreferu għal miżuri agriambjentali jew benefiċċji kompensatorji għal żoni aktar żvantaġġati, li ta' sikwit jitħallsu, jew abbażi ta' kuntratti li għadhom għaddejjin mill-perjodu ta' pprogrammar ta' qabel (ħlasijiet agriambjentali) jew bħala ħlasijiet annwali ta' tip ftit jew wisq kontinwu.

Għal kuntrarju, l-iffinanzjar ta' proġetti taħt l-Assi 1 u 3 ta' sikwit jitlob ħidma prepartorja li trid issir mill-awtorità li tmexxi l-programm. Din il-ħidma tibda bl-ippubblikar tal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna taħt il-programmi u l-wasla ta' talbiet minn benefiċjarji potenzjali, u tkompli bi proċedura ta' għażla skont kriterji ta' għażla li jkunu miftiehma qabel minn kumitat ta' monitoraġġ.

Id-differenza ta' EUR 116.1 miljun bejn l-ammont iddikjarat mill-aġenżiji tal-ħlas (2 491.8 miljun), u l-ammont li l-Kummissjoni fil-fatt rimborżat (2 375.7 miljun) tirriżulta,

ħlief għal xi kkalkular għad-dritt minuri, minn rimborżi fl-2008 ta' parti mid-dikjarazzjoni tal-Q3 2007 għas-7 programmi (spjegati fil-punt 3.2.1), li kienu qabżu l-impenn tagħhom għall-2007.

Ħlasijiet tal-FAEŻR li saru mill-aġenziji tal-ħlas u ddikjarati għal kull miżura RD u Assi

Miżura / Assi	Q4 2006	Q2 2007	Q3 2007	TOTAL
111 - Taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni	1 086 298,41	4 922 377,73	9 186 941,86	**15 195 618,00**
112 - Trawwim ta' bdiewa żgħażagħ	25 794,75	51 789 354,14	27 997 810,74	**79 812 959,63**
113 – Irtirar kmieni	11 997 135,97	2 924 477,27	36 632 389,55	**51 554 002,79**
114 – Użu ta' servizzi ta' konsulenza	675,00		209 790,00	**210 465,00**
115 - Twaqqif ta' servizzi ta' tmexxija, ta' għajnuna u ta' konsulenza	63 492,72		397 448,09	**460 940,81**
121 – Modernizzar ta' azjendi agrikoli	4 397 907,01	49 393 001,81	92 684 223,39	**146 475 132,21**
122 – Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti	4 737 185,47	2 976 203,43	5 884 858,39	**13 598 247,29**
123 - Tkabbir tal-valur tal-prodotti tal-agrikoltura u tal-foresti	1 270 689,95	1 947 853,97	20 210 897,53	**23 429 441,45**
124 – Koperazzjoni fl-iżvilupp ta' prodotti ġodda	-			**-**
125 – Infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-adattament	286 467,69	1 912 747,35	22 911 861,00	**25 111 076,04**
126 – Restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola	-		6 251 762,52	**6 251 762,52**
131 - Konformità ma' l-istandards ibbażati fuq leġiżlazzjoni Komunitarja	-		30 063 136,39	**30 063 136,39**
132 – Parteċipazzjoni ta' bdiewa fi skemi ta' kwalità tal-ikel	325,00	4 799,00	325,00	**5 449,00**
133 – Attivitajiet informattivi u promozzjonali	-			**-**
141 – Biedja ta' semisussistenza	-			**-**
142 – Gruppi ta' produtturi	-			**-**
143 – Forniment ta' servizzi ta' konsulenza fil-biedja fil-BG u r-RO				**-**
Total Assi 1 – Intejbu l-kompetittività tas-setturi tal-agrikoltura u tal-foresti	**23 865 971,97**	**115 870 814,70**	**252 431 444,46**	**392 168 231,13**
211 – Ħlasijiet għal żvantaġġi naturali lil bdiewa f'żoni muntanjużi	1 971 175,38	6 641 452,40	373 841 496,20	**382 454 123,98**
212 – Ħlasijiet lil bdiewa f'żoni żvantaġġati, barra minn …	31 311 086,96	2 970 220,12	288 751 752,35	**323 033 059,43**
213 – Ħlasijiet ta' Natura 2000 u li għandhom x'jaqsmu mad-Direttiva ...	231 449,42		1 582 177,18	**1 813 626,60**
214 – Ħlasijiet agriambjentali	197 455 456,87	102 019 226,19	898 205 435,05	**1 197 680 118,11**
215 – Ħlasijiet għall-benesseri ta' l-annimali	3 881,99		9 992 846,22	**9 996 728,21**
216 – Investimenti mhux produttivi	253 423,61		265 423,40	**518 847,01**
221 – L-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola	3 342 396,05	2 435 954,46	72 089 454,65	**77 867 805,16**
222 - L-ewwel twaqqif ta' sistemi agroforestrija fuq …	-			**-**
223 – L-ewwel afforestazzjoni ta' art mhux agrikola	54 779,00	235 138,83	813 004,29	**1 102 922,12**
224 – Ħlasijiet ta' Natura 2000	-			**-**
225 – Ħlasijiet forestali-ambjentali	10 222,50		339 091,49	**349 313,99**
226 – Restawr ta' potenzjal tal-foresti u introduzzjoni ta' prevenzjoni...	-	21 697 857,60	15 481 198,70	**37 179 056,30**
227 – Investimenti mhux produttivi	697 435,08	651 167,37	5 655 877,24	**7 004 479,69**
Total Assi 2 – Titjib fl-ambjent u l-kampanja	**235 331 306,86**	**136 651 016,97**	**1 667 017 756,77**	**2 039 000 080,60**
311 – Diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli	1 905 558,78	12 030,13	7 660 357,31	**9 577 946,22**
312 – Ħolqien u żvilupp ta' negozji	96 800,37		164 773,20	**261 573,57**
313 – Xprunar ta' attivitajiet turistiċi	912 886,14	30 363,97	2 856 932,38	**3 800 182,49**
321 – Servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali	462 076,94	16 748,50	10 062 460,48	**10 541 285,92**
322 – Tiġdid u żvilupp ta' rħula	1 425 677,03		16 039 993,00	**17 465 670,03**
323 – Konservazzjoni u titjib tal-wirt rurali	-	1 430 734,78	5 770 482,64	**7 201 217,42**
331 – Taħriġ u informazzjoni	-	363 254,82	67 610,54	**430 865,36**
341 – Kisba ta' snajja, animazzjoni u implimentazzjoni ta'...	-	14 703,00	454 059,46	**468 762,46**
Total Assi 3 – Il-kwalità ta' ħajja f'żoni rurali u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali	**4 802 999,26**	**1 867 835,20**	**43 076 669,01**	**49 747 503,47**
411 – Implimentazzjoni ta' strateġiji lokali ta' żvilupp Kompetittività	10 253,00			**10 253,00**
412 – Implimentazzjoni ta' strateġiji lokali ta' żvilupp Ambjent/art	-			**-**
413 – Implimentazzjoni ta' strateġiji lokali ta' żvilupp Kwalità ta' ħajja	243 625,99		(1 064,58)	**242 561,41**
421 – Implimentazzjoni ta' proġetti ta' koperazzjoni	-			**-**
431 – Tmexxija tal-grupp ta' azzjoni lokali, kisba ta' snajja u …	-			**-**
Total Assi 4 - Leader	**253 878,99**		**(1 064,58)**	**252 814,41**
511 – Assistenza Teknika	109 111,65	122 001,65	10 386 637,14	**10 617 750,44**
Total Assi 5 – Assistenza Teknika	**109 111,65**	**122 001,65**	**10 386 637,14**	**10 617 750,44**

611 – Ħlasijiet Diretti				-
Total Assi 6 – Ħlasijiet Diretti				-
TOTAL	**264 363 268,73**	**254 511 668,52**	**1 972 911 442,80**	**2 491 786 380,05**